MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 94/2011

**Emanuel Saliba**

**Vs**

**Geswalda Saliba**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf ta' l-attur li jaqra hekk:

1. Illi r-rikorrent u l-intimata zzewgu fis-sitta (6) ta' Jannar elf disa' mija u tlieta u sebghin (1973);

2. Illi matul dana z-zwieg l-intimata weldet tifel, senjatament Gregory Saliba, illum minorenni, illi twieled fid-disgha (9) ta' Dicembru elf disa' mija hamsa u disghin (1995);

3. Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000);

4. Illi permezz tas-sentenza taghha tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju elfejn u ghaxra (2010) fl-ismijiet 'Emanuel Saliba vs Geswalda Saliba et' (Rikors guramentat numru 12/2010AE), l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Familja) iddikjarat u kkonfermat illi l-imsemmi minorenni mhux il-wild naturali tar-rikorrenti u konsegwentement ordnat il-korrezzjoni ta' l-atti kollha relattivi ghall-hajja civili ta' l-istess wild;

5. Illi l-intimata ilha zmien taf illi l-imsemmi Gregory Saliba ma kienx il-wild naturali ta' l-esponenti, u minkejja dan, hija baqghet tinsisti li tircievi manteniment minghand l-esponenti ghan-nom u fl-interess ta' l-istess minuri;

6. Illi b'zieda ma' dan, meta l-partijiet isseparaw minn ma' xulxin, l-intimata kienet giet attribwita valur addizzjonali mill-komunjoni ta' l-akkwisti dakinhar ezistenti bejn il-partijiet, u dana fuq il-premessa illi jekk dana jsir, l-esponenti ma kienx ser ikun obbligat ihallas aktar manteniment ghall-imsemmi minuri;

7. Illi ghaldaqshekk matul dawn is-snin kollha l-esponenti hallas jew altrimenti kkontribwixxa somom ingenti ghall-manteniment ta' l-imsemmi minuri, liema somom gew hekk imhallsa minnu ndebitament u liema flejjes l-intimata qeghdha ghalhekk tiddetjeni *sine causa;*

8. Illi l-esponenti ghandu kull interess illi l-ammont hekk kontribwit minnu jigi likwidat u lilu rifuz flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi;

9. Illi minkejja illi l-intimata giet interpellata anke ufficjalment, sabiex tirregola l-pozizzjoni taghha, hija baqghet inadempjenti u ghaldaqshekk kellha ssir dina l-kawza;

L-attur ghalhekk talab lil din il-Qorti:

(1) Tiddikjara illi r-rikorrenti qatt ma kien tenut ihallas jew altrimenti jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri Gregory Saiba peress illi dana mhux il-wild naturali tieghu;

(2) Tillikwida l-ammont illi thallas mir-rikorrenti in linea ta' manteniment ghall-imsemmi Gregory Saliba, inkluz ma' dan il-valur zejjed illi gie attribit lill-intimata fil-partizzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti a sodisfazzjoni tal-manteniment ta' l-istess minuri; u

(3) Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lura dana l-ammont hekk likwidat bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' kull hlas,

U dana kollu taht dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jista' jidhrilha xierqa u opportuni skont il-kaz.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali bin-numru 677/2011 tas-7 ta' Ottubru 2011 kontra l-intimata illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta permezz tar-risposta guramentata rrispondiet hekk:

1. Illi preliminarjament din il-kawza hija ntempestiva stante li l-esponenti qatt ma giet notifikata la b'ittra nterpellatorja u lanqas b'ittra ufficjali li permezz taghha hija giet infurmata bit-talba tal-attur u ghaldaqstant il-kawza kellha tkun l-ahhar mezz u ghalhekk hija m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

2. Illi l-attur minn dejjem kien jaf li l-minuri Gregory ma kienx ibnu u kien ghalhekk li huwa qatt ma nsista biex jarah u konsegwentement ma kienx qed ihallas manteniment u dan in linea ta' dak li jipprovdi l-kuntratt ta' firda personali ffirmat bejn il-partijiet nhar it-22 ta' Jannar tas-sena 2000;

3. Illi ma huwiex minnu li l-konvenuta hadet xi valur zejjed fil-qasma tal-komunjoni, infatti dan ma jirrizulta minn imkien u huwa biss frott tal-imaginazzjoni tal-attur;

4. Illi fi kwalunkwe kaz il-partijiet fuq l-istess kuntratt iddikjaraw ruhhom sodisfatti u l-attur ma jistax issa jippretendi li jerga' lura minn dak li gie miftiehem u dan in linea mal-principju tal-*pacta sunt servanda*.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri li permezz taghha gie eccepit illi:

i. Illi l-azzjoni attrici hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn fit-termini tal-artikolu 1027 tal-Kodici Civili;

ii. Illi l-azzjoni attrici hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' hames snin fit-termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

iii. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 17(2) tal-Kodici Civili.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza nkluz l-atti allegati tal-kawza fl-ismijiet 'Emanuel Saliba vs Geswalda Saliba et' (Rik Nru 12/2010AE deciza fil-25 ta' Gunju 2010).

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Kunsiderazzjonijiet

Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob rifuzjoni ta' manteniment li huwa hallas jew ikkontribwixxa ghall-minuri Gregory Saliba; kif ukoll il-valur zejjed li skontu gie attribwit lill-konvenuta meta giet likwidata l-komunjoni tal-akkwisti.

Fil-qosor, il-fatti li waslu ghall-vertenza odjerna huma s-segwenti:

- Il-partijiet kienu zzewgu fis-sena 1973. Inqalghu dizgwidi familjari li waslu ghas-separazzjoni bejn il-konjugi Saliba.

- Matul dan iz-zwieg twieldu tlett itfal – zewgt ibniet u tifel.

- Mill-atti jirrizulta li kien hemm animozita' kbira bejn il-partijiet matul il-kors tas-separazzjoni. Izda finalment isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Jannar 2000 in atti Nutar Dottor Enzo Dimech.

- Minn diversi atti prezentati mill-attur jirrizulta li l-kwistjoni tal-manteniment tal-minuri Gregory kienet wahda mill-pendenzi bejn il-partijiet.

- Jirrizulta li permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja ta' l-1 ta' Gunju 1999 Emanuel Saliba gie ordnat ihallas l-ammont ta' Lm40 fix-xahar ghall-minuri Gregory u Lm35 bhala kumpens ghal martu talli ma kinitx qeghdha tabita fid-dar matrimonjali.

- L-attur xehed in kontro-ezami li meta ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni huwa kellu dubju li Gregory ma kienx ibnu.

- Permezz ta' sentenza moghtija mill- Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja tal-25 ta' Gunju 2010 gie dikjarat li l-minuri Gregory mhux il-wild naturali ta' l-attur u ordnat il-korrezzjoni ta' l-atti kollha relattivi ghall-hajja civili ta' l-istess wild.

Illi qabel xejn iridu jigu trattati l-eccezzjoni preliminari kif ukoll l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni.

**<u>Intempestivita' ta' l-azzjoni</u>**

Fl-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta eccepiet l-intempestivita' ta' l-azzjoni ghaliex hija la giet notifikata b'ittra nterpellatorja u lanqas b'ittra ufficjali.

Mill-atti jirrizulta li ntbghatet ittra ufficjali lill-konvenuta mill-attur fis-7 ta' Ottubru 2011 u cioe' qabel ma giet prezentata l-kawza odjerna. Mill-atti processwali ma jirrizultax jekk il-konvenuta gietx notifikata jew le b'din l-ittra ufficjali.

Madankollu anki kif ipprocediet din il-kawza ma jirrizultax li l-azzjoni kienet wahda ntempestiva ghaliex irrizulta li l-partijiet tant huma mpikati ma' xulxin li zgur li ma kienux se jaslu fi qbil dwar din il-

kwistjoni. Fi kwalunkwe kaz tali lment jista' jkun relevanti ghad-determinazzjoni ta' min se jhallas l-ispejjez tal-kawza.

Ghalhekk tali eccezzjoni qeghdha tigi michuda.

**<u>Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 1027 tal-Kodici Civili</u>**

Illi l-artikolu 1027 tal-Kodici Civili jipprovdi:

*"L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun inghata minghajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqghet bil-preskrizzjoni bis-sahha tad-disposizzjonijiet migjuba taht it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn minn dakinhar illi dik li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball"*

Referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Mario Micallef vs Sandra Micallef Gravina**[1] li kienet titratta proceduri simili ghal dawk odjerni fejn il-Qorti rriteniet li:

*"Il-bazi legali tal-azzjoni tar-ripetizzjoni tal-indebitu kif postulata mill-attur tinsab fl-artikolu 1147 tal-Kodici Civili. L-artikolu 1147(1) ighid "kull hlas jissoponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista' jintalab lura".*

*L-artikolu 1147(2) ighid "Izda ma hemmx jedd ta' azzjoni ghal hlas lura jekk dak li jithallas kellu jinghata bis-sahha ta' obbligazzjoni naturali".*

[1] Rik Nru 1117/2010MCH deciza fl-4 ta' Ottubru 2011, li ghadha sub judice fil-Qorti ta' l-Appell

*Dan l-indebitu maghruf bhala ex re jew indebitu oggettiv hu distint minn dak ex persona taht l-artikolu 1022(1) li jghid "Kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur".*

*Dan peress illi mentri fil-kaz tal-indebitu ex persona l- pagament irid ikun sar bi zball, fil-kaz tal-indebitu ex re, d- debitu, li bil-hlas gie estint, ma jezistix jew ghax qatt ma ezistiet il-kawza originarja tar-rapport (condictio indebiti sine causa) jew ghax din il-kawza giet nieqsa successivament in kwantu annullata jew ghax tkun sehhet il-kondizzjoni sospensiva li tahtha kienet sottoposta (condictio indebiti ab causam finitum). L-izball o meno tas- solvens hi irrelevanti billi l-artikolu 1147 ma jipprovdix ghalih kif jipprovdi l-artikolu 1022 (ara f'dan is-sens Maria Galea vs Grace Borg , PA 12.10.2005).*

*Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza recenti tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Dr. Ivan Barbara et vs Leslie Muscat et (7.7.2011 CSH) li dahlet fid-dettal fl-istitut tal- indebitu ex persona pero in kwantu ghall-indebitu oggettiv gie raportat kif gej minn sentenza tal-Cassazione 30.12.1970 numru 2748 li jghid hekk:*

*"L'azione di ripetizione d'indebito oggettivo, in quanto ha per unica effettiva base l'assoluta inesistenza dell'obbligazione che il solvens ha materialmente adempiuto col pagamento non dovuto, non e` in sostanza che un'azione di nullita` per mancanza di causa, che ha per presupposto la mancanza dell'accipiens del diritto di acquistare il bene o il valore patrimoniale trasmessogli dal solvens, prescinde dal verificarsi del danno ed ha natura autonoma e principale "*

*Il-fattispecie ta' din il-kawza juri illi l-attur kien qed ihallas manteniment b'obbligu civili impost fuqu mill-ligi permezz ta' ordni esplicita tal-Qorti f'perjodu fejn ghall-finijiet tal-ligi kien maghruf bhala missier tal-minuri Iona li twieldet miz- zwieg tieghu mal-konvenuta. Hu kien qed ihallas ghax legalment*

*tenut jaghmel dan bil-ligi qua missier naturali u bijologiku ta' wild minuri Iona ghax hekk titlob il-ligi fejn si tratta ta' wlied li jitwieldu waqt iz-zwieg u inoltre kien ordnat jaghmel dan b'ordni diretta tal-Qorti.*

*L-attur ma setax jehles minn din l-obbligazzjoni hlief wara pronunzjament tal-Qorti li tiddikjara li l-wild Iona ma kienitx bintu ergo l-hlas li sar qua manteniment, gie percepit mill-konvenuta bla causa originarja tar-rappport li jwassal ghall-obbligu tal-hlas tal- manteniment."*

Dan l-insenjament huwa applikabbli ghall-kaz odjern. Anki jekk l-attur kellu dubju meta ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni li Gregory ma kienx ibnu madankollu huwa ma setax ikollu c-certezza hlief jekk ikunu saru t-testijiet medici u meta gie dikjarat li ma kienx il-missier bijologiku u kwindi jehles mill-obbligazzjoni tieghu wara l-pronunzjament tal-Qorti.

F'dan il-kaz jirrizulta li t-test tad-DNA sar biss fit-30 ta' Ottubru 2009 u r-rizultat li l-missier naturali tal-minuri f'persentagg ta' 99.9999% huwa Gregory Grech hareg fil-5 ta' Novembru 2009 u gie prezentat fl-atti tal-kawza Numru 12/2010AE biss fil-11 ta' Gunju 2010.

Din il-preskrizzjoni nvokata ghalhekk mhix applikabbli ghall-kaz in dizamina u kwindi qeghdha tigi michuda.

**<u>Preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili</u>**

Dan l-artikolu jipprovdi li *"l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku"* jaqghu bi preskrizzjoni ta' hames snin.

Fil-kawza fl-ismijiet Raphael Micallef vs Anthony Agius , deciza fis-6 ta' Ottubru, 2000 il-Qorti ta' l-Appell qalet: *"Qamet il-kwistjoni minn meta jibda jiddekorri t-terminu tal- preskrizzjoni, hux meta l-attur isir jaf bid-difett allegat jew minn meta saru x-xogholijiet. L-Ewwel Qorti cahdet l- eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex irriteniet illi t-terminu jibda jghaddi minn meta l-azzjoni tista' tigi ezercitata.*

*Il-Qorti ta' l-Appell, fuq ezami u rassenja gurisprudenzjali elaborat ir-regola illi l-artikolu 2137 tal-Kodici Civili jipprovdi illi: "Bla hsara tad-disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il- preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li dik l-azzjoni tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat u tal- kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". It-test li trid il-ligi allura hu dak oggettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom jorigina d-dritt ta' l-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna ta' l-attur, u cioe` jekk din kinetx jew le f'kundizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni . {enfasi maghmula mill-Qorti kif presjeduta}. Il-ligi riedet li dan ikun il-principju li jirregola l-materja, u li dan kellu japplika f'kull kaz sakemm xi disposizzjoni partikolari tal- ligi ma kinetx tiddisponi mod iehor fir-rigward ta' certi cirkostanzi li fihom tistabbilixxi li z-zmien ghad-dekors tal- preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni kellu jibda minn xi mument iehor u mhux minn dakinhar li dik l-azzjoni setghet potenzjalment tigi ezercitata."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza deciza fid-19 ta' Settembru, 1990 mill-Qorti tal-Kummerc per Imhallef J. D. Camilleri, fl-ismijiet Camilleri vs Cremona nomine fejn inghad: *"Il-preskrizzjoni ta' l-azzjonijiet personali tiddekorri mill- mument li fih jitwieldu l-azzjonijiet u ghalhekk minn mindu hemm id-dritt ta' l-azzjoni tiddekorri wkoll il-preskrizzjoni."*

Illi f'dan il-kaz irrizulta li l-attur kellu dubju dwar il-paternita' tal-minuri Gregory madankollu c-certezza giet mar-rizultat tat-test tad-

DNA li hareg f'Novembru tas-sena 2009 u bis-sentenza li nghatat fil-25 ta' Gunju 2010 liema sentenza ma gietx appellata. Kien minn dan l-ahhar zmien li l-attur seta' jipprocedi u ghalhekk il-hames snin fi kwalunkwe kaz ghadhom ma ddekorrewx.

Ghalhekk anki din l-eccezzjoni qeghdha tigi michuda.

**Preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 17(2) tal-Kodici Civili**

Dan l-artikolu jistipula li :

*"F'ebda kaz iehor, jekk ma jkunx hemm ftehim xort'ohra, ma jista' jintalab ir-radd tal-hlas tal-manteniment moghti taht id-disposizzjonijet ta' dan il-Kodici"*

Il-Qorti tqis li dan l-artikolu ma jistax isib l-applikazzjoni tieghu ghall-kaz in dizamina. Dan ghaliex huwa evidenti anki abbazi tal-gurisprudenza fuq citata li l-manteniment ghall-minuri qatt ma kien dovut mill-attur u kwindi ma kien hemm ebda disposizzjoni tal-ligi li kienet tobbligah jissominstra manteniment ghall-minuri li mhux ibnu.

Ghaldaqstant anki din l-eccezzjoni qeghdha tigi michuda.

**Mertu**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu tat-talba attrici jirrizulta li l-minuri Gregory mhux il-wild naturali ta' l-attur.

Mill-atti jirrizulta li erba' xhur wara t-twelid ta' dan it-tifel, il-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali bit-tifel b'kollox u l-minuri qatt ma rega' ghex ma' l-attur. Jirrizulta li l-attur qatt ma bena relazzjoni mat-tifel. Infatti anki fil-kuntratt ta' separazzjoni li gie ffirmat fit-22 ta' Jannar 2000 il-kura u kustodja giet fdata f'idejn il-konvenuta li esklussivament hija responsabbli ghall-manteniment tal-minuri. B'dan illi l-access ta' l-attur ghal Gregory li fil-kuntratt gie deskritt bhala ibnu kellu jigi regolat bi ftehim bejn il-partijiet minn zmien ghal zmien u f'kaz li kien jezercita l-access l-attur kellu jhallas retta alimentari fl-ammont ta' Lm40 ghal kull xahar li matulu kellu jezercita l-access.

Irrizulta li l-attur ma kienx qieghed jezercita access ghall-minuri Gregory u ghalhekk zgur li ma kienx qieghed ihallas manteniment ghall-istess minuri u dan skont kif maqbul bejn il-partijiet.

Mill-atti jirrizultaw ricevuta ta' pagament ta' Lm79 li sar wara mandat ta' qbid u disa' cekkijiet ta' Lm75-il wiehed intestati lil Geswalda Saliba li kienu jirraprezentaw manteniment. Tliet cekkijiet minnhom saru wara l-iffirmaw tal-kuntratt ta' separazzjoni, mill-bqija jirrisalu ghal qabel l-iffirmar tal-kuntratt tas-separazzjoni. Il-manteniment ghall-minuri kien fl-ammont ta' Lm40 fix-xahar u ghaldaqstant il-konvenuta trid tirrifondi lura l-ammont ta' Lm400 ossija €932. Ma giex ippruvat li l-attur hallas xi flus ohra a beneficcju tal-minuri. Anzi mill-atti u mid-diversi rikorsi u risposti li saru waqt il-proceduri ta' separazzjoni jirrizulta li l-attur ghal zmien twil ma kien qieghed ihallas xejn.

Ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni u l-parti tat-talba ta' l-attur li l-konvenuta hadet valur mizjud ma' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti meta din giet likwidata ghaliex dak is-sehem kien jikkomprendi hlas ghall-manteniment ta' Gregory tali allegazzjoni ma gietx ippruvata. Fl-

ewwel lok, ma ngabitx prova tal-valur ta' l-ishma tal-komunjoni tal-akkwisti fiz-zmien li gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni. Fit-tieni lok, il-kuntratt ta' separazzjoni specifika li hekk kif il-konvenuta tigi mmessa fil-pussess tal-porzjon diviza mid-dar assenjata lilha l-obbligu ta' l-attur li jissominstra l-ammont ta' Lm75 fix-xahar kellu jieqaf immedjatament. Lm35 minn dan l-ammont kien dovut lill-konvenuta peress li ma kinitx qeghdha tghix fid-dar matrimonjali u kwindi jaghmel sens li tali ammont ma kellux jibqa' jithallas u mhix kwistjoni allura ta' valur mizjud. Dwar il-manteniment ghall-minuri fl-istess kuntratt tinsab klawzola li dan kellu jithallas biss f'kaz li l-access jigi ezercitat w allura lanqas hawn ma seta' kien hemm kwistjoni ta' valur mizjud.

L-attur xehed li huwa hassu mgieghel jiffirma l-kuntratt minhabba li l-konvenuta harget anki mandati kontrih kif ukoll ghaliex ma kienx jiflah ihallas il-manteniment ordnat mill-Qorti. Din il-qorti tqis li ghandha quddiemha kuntratt ta' separazzjoni li ghadu vigenti u li l-attur qatt ma attakka l-validita' tieghu u ghalhekk tqisu bhala validu ai fini kollha tal-ligi.

Fl-ahharnett fir-raba' eccezzjoni taghha l-konvenuta ssollevat li *pacta sunt servanda*. Il-konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha ssostni wkoll li l-attur minn dejjem Apparti l-fatt li seba' mill-hlasijiet jirrisalu ghal qabel l-iffirmar tal-kuntratt, referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Stephen Vella vs Adriana Vella**[2]

*"Il-konvenuta ssostni li l-manteniment li thallas ghal Erica Decoda sar a bazi ta' dak li ftehemu l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni. Ghalhekk kien hemm rabta kuntrattwali. M'hemmx dubju li gialadarba l-attur iffirma l-kuntratt, kellu obbligu li jhallas il-manteniment u l-ispejjez straordinarji ghall-edukazzjoni u sahha tal-minuri Erica Decoda. Obbligu li l-konvenuta*

[2] Rik Nru: 574/2012AE deciza fil-15 ta' Novembru, 2012

*kkonfermat li zewgha kien wettaq. Hu evidenti li meta l-attur assuma l-obbligu kuntrattwali kien qieghed sempliciment jintrabat li jwettaq l-obbligu li l- ligi timponi fuq il-genituri, cjoe' li jmantnu lill-uliedhom. L-obbligazzjoni li dahal ghaliha l-attur ma kenitx xi att ta' liberalita'. Ghalkemm qabel iffirma l-kuntratt kien diga' hemm suspett li ma kienx missier Erica Decoda, id-dubju kien jezisti. Tant dan hu minnu li rrizulta li wara l- pubblikazzjoni tal-kuntratt, l-attur kien ukoll ghamel zmien jezercita l-access ghat-tifla. Pero' mir-rikors guramentat ma jidhirx li l-causa petendi tal-attur hi li l-kunsens tieghu fuq l-att ta' separazzjoni kien per ezempju vvizjat minhabba zball.*

*Il-fedelta' hu obbligu principali taz-zwieg. Pero' f'dan il-kaz l-event dannuz ghall-attur ma kienx l-adulterju per se imma 'l fatt li l-konvenuta kellha tifla barra miz-zwieg. Din id-distinzjoni qeghda ssir gialadarba fi klawzola numru 12 tal-kuntratt jinghad: "The parties agree and declare that saving what is contemplated on this deed, the said parties possess no reciprocal rights, claims and/or pretensions" . Il-konsegwenza ta' tali dikjarazzjoni hi li l-attur ma setax, fil-futur, iressaq xi pretensjoni kontra martu ghal fatt li kkommettiet adulterju. Pero' mhux l-istess jinghad ghal fatt li kellha tarbija barra miz-zwieg. Meta saret is- separazzjoni konsenswali kien hemm biss suspett li t-tifla setghet ma kenitx bint l-attur. M'hemmx prova li l-attur kien qieghed isostni li t-tifla m'hijiex bintu, ghalkemm kien jezisti d-dubju. Jibqa' 'l fatt li f'dak l-istadju ma kienx hemm kwistjoni bejn il-partijiet dwar il-paternita' tat-tifla, tant li l-attur assuma l-obbligu li jmantniha, wettaq tali obbligu u kien ghamel ukoll zmien jezercita l-access. L- Artikolu 1718 tal-Kodici Civili jipprovdi: "It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir" . Ghalhekk hi l-fehma tal-qorti li l- klawzola numru 12 tal-kuntratt ma setghet qatt tikkomprendi vertenza li ma kenitx tezisti fiz-zmien tal- pubblikazzjoni tal-kuntratt gialadarba hu evidenti li ma kienx hemm certezza dwar il-paternita'. Ghalkemm il- konvenuta qalet li meta sar il-kuntratt ma kenitx in mala fede (eccezzjoni numru 5), xorta ghandha r- responsabbilta' li tirrizarcixxi lill-attur ghad-danni li sofra b'rizultat tal-fatt li kellha tarbija fiz-zwieg. Irridu niftakru li skond il-ligi, tarbija mwielda minn mara mizzewwga, fic- certifikat tat-twelid taghha jrid jitnizzel isem zewgha bhala missier it-tarbija (Artikolu 280 tal-Kodici Civili). Ghalhekk l- attur kellu dmir li jmantni lill-minuri. L-attur spicca*

*jmantni wild li kellha martu barra miz-zwieg. Skond l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili, "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" . M'hemmx dubju li tezisti ness ta' kawzalita' bejn id-dannu li sofra l-attur u l-agir irresponsabbli ta' martu li kellha tifla barra miz-zwieg. F'dan il-kaz m'huwiex importanti min mill-kontendenti kien hati li sehhet is- separazzjoni. Madankollu l-attur ma tax prova ta' x'inhuma d-danni li permezz tat-tielet talba talab lill-qorti sabiex tillikwida.*

*Il-konvenuta argumentat li meta ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni, l-attur kien jaf li hemm dubju dwar il- paternita ta' Erica Decoda, u b'danakollu xorta obbliga ruhu li jhallas il-manteniment. Id-dubju ma jfissirx certezza".*

Il-Qorti fl-istess sentenza appena citata tenniet:

*"Waqt it-trattazzjoni saret riferenza ghas-sentenza ta' din il- qorti 5 fil-kawza Mario Micallef vs Sandra Micallef Gravina deciza fl-4 ta' Ottubru 2011 fejn il-qorti applikat l-Artikolu 1147 tal-Kodici Civili u kkundannat lill-konvenuta thallas lura lill-attur il-manteniment li kien hallas sad-data li fih inghatat sentenza fejn gie ddikjarat li l-minuri ma kenitx wild naturali tieghu. L-Artikolu 1147 tal-Kodici Civili jipprovdi:-*

*"kull hlas jissoponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista' jintalab lura" .*

*Fil-kaz tal-lum ghandna l-obbligazzjoni li assuma l-attur fil- kuntratt ta' separazzjoni li jmantni lil Erica Decoda. Fl- indebitu oggettiv:-*

*"L'accipiens riceve un arrichimento in senso assoluto perche il credito non esisteva . L'ipotesi piu' frequente si ha quando si paga in base a un atto invalido." (Istituzioni di Diritto Civile, A. Trabucchi ).*

*Fis-sentenza hawn fuq citata l-qorti osservat li l-attur kien hallas il-manteniment ghaliex hekk kien obbligat jaghmel wara ordni tal-qorti; "L-attur ma setax jehles minn din l- obbligazzjoni hlief wara pronunzjament tal-Qorti li tiddikjara li l-wild [A] ma kienitx bintu ergo l-hlas li sar qua manteniment, gie perecepit mill-konvenuta bla causa originarja tar-rapport li jwassal ghall-obbligu tal-hlas tal- manteniment" . Ragunament li fil-fehma ta' din il-qorti japplika wkoll ghal dan il-kaz, ghalkemm il-manteniment thallas b'effett tas-separazzjoni konsenswali li kkonkludew il-partijiet. L-attur kien qieghed iwettaq l-obbligu tieghu li jmantni lill-minuri gialadarba l-ligi stess tqiesu bhala l-missier naturali. Pero' wara li nghatat is-sentenza li biha gie determinat li Erica Decoda hi bint Mario Borg, il- konsegwenza naturali hi li qatt ma kienet tezisti obbligazzjoni pekunjarja li l-attur imantni lill-minuri. Mela l- obbligazzjoni li jmantniha u li assuma fil-kuntratt ta' separazzjoni, kienet bla causa . F'dan ir-rigward ma jistax jigi argumentat li meta l-attur hallas il-manteniment kien ghadu meqjus bhala l-missier naturali tat-tifla, ghaliex ladarba s-sentenza tal-qorti ddikjarat li l-missier naturali hu haddiehor, dak l-istat, li jiswa erga omnes , jmur lura ghall-gurnata tat-twelid ta' Erica Decoda. Ladarba gie deciz li l-attur m'huwiex il-missier naturali tat-tifla, dan l- istat japplika mid-data tat-twelid, u ma jaghmilx sens, diversament, li l-attur ikun meqjus biss li m'huwiex il- missier naturali mid-data tas-sentenza. 'Il fatt li ma jezisti ebda obbligu ta' manteniment johrog mis-semplici fatt li m'huwiex missierha."*

Illi l-attur talab imghax legali dekoribbli mid-data ta' kull hlas. Fis-sentenza fuq riportata fl-ismijiet **Vella vs Vella,** il-Qorti wkoll trattat dan il-punt u kkunsidrat is-segwenti:

*"Dwar din it-talba l-qorti hi tal- fehma li:-*

*i. Fid-data li l-attur ghamel il-hlasijiet, dawn kienu dovuti gialadarba sa dakinhar kien ghadu jidher bhala l- missier naturali tat-tifla. Meta s-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) saret gudikat, kien il-mument li fih twieled il-jedd li l-attur jitlob ir-rifuzjoni ta' flus. Wiehed irid iqies ukoll li l-qorti m'hijiex tikkonkludi li l-konvenuta kienet taf b'certezza li t-tifla kienet bint Mario Borg. Dak li rceviet il-konvenuta sakemm inghatat is-sentenza kienet qeghda tircevih a bazi tal-ftehim li kkonkludiet ma' zewgha. Ghalhekk ukoll ma jistax jinghad li kienet qeghda tircevih in mala fede . ii. Hu b'din is-sentenza li l-ammont li hu dovut lill-attur gie likwidat. Il-principju generali huwa li in illiquidis non fit mora .*

*Ghaldaqstant, l-imghax hu dovut b'effett mil-lum."*

Din il-Qorti m'ghandhix x'izzid wisq ma' dan.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad it-tliet eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati abbazi ta' l-artikoli 1027, 2156(f) u 17(2) tal-Kodici Civili tichad ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra kollha, b'dan illi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba attrici u ghalhekk tiddikjara li l-attur qatt ma kien tenut ihallas jew altrimenti jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri Gregory Saliba peress li dana mhux il-wild naturali tieghu;

(2) Tilqa' t-tieni talba attrici limitatament billi tillikwida l-ammont ta' disa' mija u tnejn u tletin euro ( €932) li thallas mill-attur in linea ta' manteniment ghall-imsemmi Gregory Saliba, mill-bqija tichad il-bqija tat-tieni talba attrici;

(3) Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lura l-ammont ta' disa' mija u tnejn u tletin euro (€932) lill-attur bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez ikunu inkwantu ghal wiehed minn ghaxra (1/10) a karigu ta' l-attur, il-bqija ta' l-ispejjez a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------